# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 31**

**Avviz numru 1514/00/SM**

**Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta' estera Axa Insurance p.l.c. proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' Michael Attard Limited.**

**vs**

**Sea Malta Co. Limited u The Cargo Handling Company Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 t'Ottubru tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine debitament surrogata sejhet quddiem din il-qorti lis-socjetajiet konvenuti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Ihallsu, jew minnhom, lill-istanti s-somma ta' seba mija u tnejn u sebghin lira u hamsin centezmi (LM772.50,0) bhala danni mgarrba mis-socjeta' attrici ai termini ta' polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu li permez taghha s-socjeta' attrici kellha tindenizza lill-assigurat taghha fl-ammont ta' seba mija u sittax-il lira u hamsin centezmi (LM716.50,0) danni sofferti fil-merkanzija ta' vetturi li waslet Malta fuq il-vapur Maltese Falcon fis-17 ta' Jannar tas-sena 2000 ma' liema ammont ta' danni jizdied ammont ta' sitta u hamsin lira (LM56.00,0) survey fee inkorsi mis-socjeta' attrici u ghalhekk danni totali fl-ammont ta LM772.50,0; Previja d-dikjarazzjoni li huma jew min minnhom kienu responsabbli ghad-danni mgarrba mill-attur;**

2. **Bl-ispejjes u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-konvenuti jew min minnhom;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' "The Cargo Handling Company Limited" datata d-29 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **Preliminarjament, is-socjeta' konvenuta teccepixxi l-lis alibi pendens stante illi hemm pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, kawza ohra fl-istess ismijiet li tirrigwarda l-istess mertu, u cioe' l-avviz 1513/00JAB li jinsab appuntant fuq il-lista tat-2 t'April, 2001;**

2. **Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova illi l-allegati danni u nuqqasijiet sehhew waqt li l-vetturi de quo kienu taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta' eccipjenti u li l-istess vetturi gew konsenjati lilha minghajr l-istess danni u nuqqasijiet;**

3. **Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-**

**dritt stante illi s-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegat danni u nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;**

**4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;**

**5. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma intempestivi stante illi s-socjeta' eccipjenti qatt ma giet interpellata in konnessjoni mal-allegati danni u nuqqasijiet lamentati fic-citazzjoni attrici, u fi kwalunkwe kaz ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;**

**6. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' "Sea Malta Company Limited" datata d-29 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi fl-ewwel lok, in-nullita ta' l-avviz stante li s-socjeta' konvenuta nghatat direzzjoni skorretta mir-Registratur tal-Qorti;**

**2. Illi fit-tieni lok, l-inkompetenza tal-Qorti ratione materia;**

**3. Illi fit-tielet lok is-socejta' attrici tirrileva li diga hemm proceduri ohra, fl-istess ismijiet u li jgibu n-numru 1513/00/JAB, li jirrigwarda l-istess mertu ta' dan l-avviz;**

**4. Illi fir-raba' lok, u fi kwalunkwe kaz, illi id-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheet rilevanti, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A;**

**5. Illi fil-hames lok il-klawsola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta'**

**liema s-socjeta' konvenuta ma hiex responsabbli ghad-danni reklamati;**

6. **Illi fis-sitt lok li t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;**

7. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-partijiet li ma kellhomx aktar xhieda x'jipproduci u allura l-procedura giet rimandata ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi preliminarjament ser tiffoka fuq l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjetajiet konvenuti senjatament:**

a. **Il-"lis alibi pendens" kif sollevata miz-zewg socjetajiet konvenuti;**

b. **Id-direzzjoni skorretta mir-registru tal-qorti sollevata mis-socjeta' konvenuta "Sea Malta Company Limited";**

c. **L-inkompetenza ta' din il-qorti ratione materiae ukoll sollevata biss mis-socjeta' konvenuta "Sea Malta Company Limited";**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni ta' "lis alibi pendens" sollevata mill-konvenuti odjerni jirrizulta li fl-udjenza tat-28 ta' Marzu tas-sena 2001 ir-rapprezentanti legali tas-socjeta' attrici ssostitwiet id-data ta' l-isbark tal-merkanzija in dizamina u allura m'hemmx aktar lok li l-konvenuti jippersegwixxu din l-ewwel eccezzjoni preliminari li qed tigi ghalhekk michuda;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta' "Sea Malta Company Limited" rigwardanti xi direzzjoni skorretta li r-registru tal-Qorti tal-Magistrati allegatament ta, dan ma giex pruvat, anzi di fatti ma ingabet l-ebda prova f'dan ir-rigward u ghalhekk din il-qorti qed tichad ukoll din l-eccezzjoni preliminari, tikkonsidra bhala frivola u tawspika li ma tergax tara bhala ghaliex tkun kostretta tiehu passi aktar vigoruzi fuq minn jazzarda jizvija lill-qorti fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja minghajr l-ickenn accenn ta' prova fir-rigward;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi rigward l-eccezzjoni ta' inkompetenza ta' din il-qorti ratione materiae din il-qorti taghmel referenza ghall-artikolu 47 tal-Kap 12 u tichad ukoll din l-eccezzjoni preliminari;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi issa finalment tista' tipprocedi fir-rigward tal-mertu tal-procedura odjerna;**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi fis-17 ta' Jannar tas-sena 2000 giet zbarkata konsenja vetturi tal-marka Peugeot tas-socjeta' Michael Attard Limited minn fuq il-vapur "Maltese Falcon" tas-socjeta' konvenuta "Sea Malta Company Limited";**

2. **Illi l-imsemmija konsenja tpoggiet f'Laboratory Wharf taht il-kustodja tas-socjeta' "The Cargo Handling Company Limited" u gew rilaxxati l-ghada ta' l-izbank, cioe' fit-18 ta' Jannar tas-sena 2000;**

3. **Illi skond it-"tally sheet" bin-numru A0001063 hemm indikat li fl-imsemmi zbank kien hemm tmintax-il vettura tal-marka Peugeot li wahda minnhom kellha xi brix zghir fuq in-naha tax-xellug taghha kif ukoll xi daqqa fuq il-"front support" ta' l-istess;**

**4. Illi skond il-"Gate Pass-Out" appozitu bin-numru 083991 (ara fol 45) hemm indikata l-istess hsara identika ghal dik indikata fl-imsemmija "tally sheet";**

**5. Illi pero' skond id-dokumenti mmarkati Dok. JF 1 u Dok. JF 2 hemm indikata hsara fi tlett (3) vetturi u mhux f'wahda;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jigi rilevat li din il-procedura giet istitwita mis-socjeta' attrici nomine li qed tallega li a bazi tad-dokumentazzjoni prodotta f'dawn l-atti hi ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti mill-assigurat taghha, f'dan il-kaz is-socjeta' Michael Attard Limited u giet ukoll surrogata fid-drittijiet ta' l-istess;**

**Illi pero' minn analisi akkurat tad-dokumentazzjoni ipprezentata f'din il-procedura la l-fatt li s-socjeta' de quo ghamlet tajjeb ghal dawn id-danni, u lanqas id-debita surroga ma jirrizultaw pruvati;**

**Ghaldaqstant tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**